MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 161/2011

**France Cassar**
**(ID 627151 M)**

**vs**

**Emanuel Spiteri**
**esercenti l-kummerc bl-isem Qormi Aluminium**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn seba' mija u tmien Euro u ghaxar centezmi (€ 2,708.10), bilanc mhux mhallas minn prezz ta' xogholijiet maghmula ghan-nom [tal-konvenut] u fuq struzzjonijiet [tal-konvenut] stess.

Bl-ispejjez legali nkluz dawk tal-ittra ufficjali 166A ta' Ottubru 2010 u bl-imghaxijiet legali mid-data tax-xogholijiet tad-data tal-pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa; (1) illi l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponenti peress li x-xoghol esegwit mill-attur ma sarx sew u ma kienx skond is-sengha u l-arti, tant li

kellu jerga jsir minn terzi persuni wara li l-attur irrifjuta li irranga x-xoghol hazin li ghamel. (2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attur huwa fi kwalunkwe kaz esagerat, kif ghandu jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Novembru 2010 pprezentata mill-konvenut b’risposta ghall-ittra ufficjali tal-attur datata 25 ta’ Ottubru, 2010, kontra l-attur li jibqa’ ngunt in subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u tax-xhieda mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attur, li jezecita s-sengha ta’ tibjid u tikhil, gie nkarigat mill-attur sabiex jghamel xoghol ta’ tiswija f’kamra tat-toilet li tinsab fil-mahzen tal-konvenut gewwa Hal Qormi. Illi rrizulta perkolazzjoni ta’ ilma minn din il-kamra tat-toilet ghal gewwa l-mahzen tal-garr, u cioe’ Alfred Gera & Sons Limited, u l-attur gie nkarigat sabiex jidentifika s-sors tal-problema, u jwettaq it-tiswija mehtiega sabiex il-problema ta’ perkolazzjoni ta’ ilma tigi eliminata. Illi l-attur iddikjara illi x-xoghol kien jikkonsisti f’li jinqala’ l-madum tal-kamra tal-banju, illi jitkisser il-konkos, illi jitnehha t-torba u gebel li kien hemm taht il-konkos, fejn imbaghad sabu hofra, illi kellha titnaddaf mill-materjal li kien fiha, giet imkahhla u tqieghed il-bricks mad-dawra ta’ din il-hofra, imbaghad tefa’ r-ramel u zrar, giet imwittija l-art tal-kamra, rega’ tpogga l-madum, u twahhal it-*toilet bowl*. Dan oltre illi sar ukoll xoghol ta’ *plumbing* in kwantu nbidlu xi katusi u *gullies* waqt illi kien qed isir dan il-process. Illi dan ix-xoghol sar mill-attur bl-ghajnuna ta’ zewg persuni ohra, Michael Aquilina u Christopher Bigeni, li da parti taghhom lkoll ikkonfermaw illi kienu nvoluti f’dan il-process ta’ tiswija. Illi dan tal-ahhar iddikjara illi x-xogholijiet ta’ tiswija li wettqu kienu wasslu sabiex il-problema ta’ perkolazzjoni ta’ ilma giet rizolta, ghaliex huma ghamlu t-testijiet sabiex jaccertaw illi din il-problema giet eliminata.

Illi in segwitu ghat-twettiq ta' dan ix-xoghol, l-attur avvicina lill-Perit Nicholas Sammut Tagliaferro, sabiex dan johrog kont relattiv ghax-xoghol li kien gie mwettaq mill-istess attur. Illi kopja ta' dan il-kont, datat 4 ta' Marzu 2009, jinsab a fol. 15 tal-atti. Illi l-istess Perit ikkonferma illi dan il-kont inhareg minnu fuq rikjesta tal-attur, u hu kien gie inkarigat minn Alfred Gera & Sons Limited sabiex jissorvelja x-xoghol imwettaq mill-attur. Illi meta l-istess Perit mar iwettaq spezzjoni fil-mahzen tal-konvenut, l-attur kien 'gia fuq il-lant tax-xoghol, u kien 'gia beda x-xogholijiet deskritti fil-kont in kwistjoni. Illi hu mar f'okkazjoni jew tnejn waqt illi kienu qed jigu mwettqa x-xogholijiet mill-attur, izda ma wettaqx spezzjoni meta dawn ix-xogholijiet gew kompletati, u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jiccertifika x-xoghol; madanakollu, iddikjara illi minn esperjenza li kellu ta' xoghol iehor precedenti imwettaq mill-istess attur ghal klijenti ohra, seta' jiddikjara illi dan ix-xoghol ukoll kien sar sew. Illi eventwalment, u cioe' lejn l-ahhar ta' Mejju tal-2009, regghu avvicinawh id-dirigenti ta' Alfred Gera & Sons Limited, u informawh illi l-problema ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-mahzen tal-konvenut kienet reghhet zviluppat, u dan fl-istess post fejn kienet saret it-tiswija mill-attur. Illi dwar il-kont rilaxxjat minnu iddikjara illi dan gie kkalkolat in bazi ta' *man days*, u cioe' granet ta' xoghol li gew impjegati sabiex gie mwettaq dan ix-xoghol.

Illi l-konvenut da parti tieghu jikkontendi illi l-attur ma giex inkarigat specifikament minnu sabiex jigi mwettaq ix-xoghol mertu ta' din il-kawza, izda gie nkarigat fuq suggeriment ta' Gera & Sons Limited, u dan bl-intendiment illi jigi nkarigat persuna ta' fiducja ta' din is-socjeta' kummercjali. Illi effettivament l-attur kien persuna ta' fiducja taghhom. Illi l-konvenut iddikjara illi l-attur ma tahx stima tax-xogholijiet qabel ma beda x-xoghol, ghaliex l-attur qallu li kien jehtieg li jigi stabbilit minn fejn gejja l-problema qabel ma jkun jista' jaghtih stima. Illi l-konvenut jaghmel enfasi fuq il-fatt illi l-kamra tat-toilet fejn kien qed jahdem l-attur kienet kamra piuttost zghira, ta' madwar erba' (4) piedi b'erba' piedi u nofs (4 ½). Illi ghalhekk deherlu li z-zmien li l-attur kien jehtieg sabiex iwettaq dan ix-xoghol, u l-ispiza tal-istess, ma kellhomx ikunu daqstant kbar, u kien sorpriz hafna bil-kont li rcieva minghand l-attur meta dan spicca x-xoghol. Illi minn verifiki li ghamel ma' persuni tas-sengha dwar ix-xoghol imwettaq mill-attur, irrizultalu illi tali kont kien gholi wisq. Illi hu da parti tieghu nkariga Perit, il-Perit Robert Sarsero, sabiex in bazi tad-deskrizzjoni li tah il-konvenut tax-xoghol imwettaq mill-attur, johrog prezz aktar gust ghax-xoghol imwettaq mill-attur. Illi dan tal-ahhar hareg stima tax-xogholijiet li gew imwettqa mill-attur, u dan in bazi tal-informazzjoni u deskrizzjoni tax-xogholijiet li nghata mill-konvenut, liema stima tinsab a fol 59 tal-atti.

Illi oltre l-fatt illi l-konvenut deherlu li l-kont tal-attur kien gholi wisq, gara wkoll illi ftit taz-zmien wara, il-girien reghhu lmentaw minn perkolazzjoni ta' ilma mill-mahzen tal-konvenut ghal gewwa dak ta' Alfred Gera & Sons Limited. Illi minn informazzjoni li nghata l-konvenut, deher illi l-perkolazzjoni ta' ilma kienet reghhet gejja mill-istess post. Illi hu kkomunika mal-attur u talbu sabiex jerga' jmur jara x'kien rega' gara, izda peress illi dan ma accettax, il-konvenut gie kostrett li jinkariga s-servizzi ta' persuna ohra sabiex din il-hsara tigi rimedjata. Illi l-konvenut inkariga lil Marvin Mangion li mar fil-mahzen tal-konvenut, u wara li beda jaqla' l-madum minn mal-hajt tal-kamra tat-toilet, sab illi kien hemm pipe li ma kienx imdahhal sew gewwa *fitting*, u konsegwenza ta' dan irrizultat mill-gdid perkolazzjoni ta' ilma ghal gewwa l-mahzen ta' Alfred Gera & Sons Limited.

Illi Martin Ciantar, impjegat mal-konvenut, iddikjara illi x-xoghol li kien qed jghamel l-attur dam ghaddej bih ghal madwar erbat ijiem, ghalkemm dawn ma kienux gurnata shiha tax-xoghol, izda biss ghal ftit sieghat kull darba. Illi l-istess impjegat iddikjara illi ftit gimghat biss wara li l-attur wettaq ix-xoghol in kwistjoni, regghu gew avvicinati minn persuni minn Alfred Gera & Sons Limited jilmentaw illi l-problema ta' perkolazzjoni ta' ilma kienet reghhet tfaccjat. Illi ghalkemm hu kien jinnota lill-attur u l-haddiema tieghu jghamlu x-xoghol fil-kamra tat-toilet tal-mahzen fejn kien jahdem, hu ma kienx inkarigat mill-konvenut sabiex jissorvelja x-xoghol li kien qed jigi mwettaq mill-attur.

Illi r-rapprezentant ta' Alfred Gera & Sons Limited iddikjara illi hu kien jaf lill-attur ghaliex kien jigi nkarigat minn din is-socjeta' sabiex jghamel xoghol ta' tibjid, izda qatt xogholijiet ta' *plumbing*. Illi dan ir-rapprezentant iddikjara illi kien il-konvenut li ssuggerixxa li jigi nkarigat l-attur sabiex jghamel ix-xogholijiet ta' tiswija mertu ta' din il-kawza, u huma accettaw ghaliex precedentement kienu nkarigawh sabiex iwettaq xi xogholijiet ohra. Illi dwar kemm ghadda zmien bejn l-ewwel darba li rrizultat il-problema ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-mahzen tal-konvenut, u t-tieni darba li rrizultat l-istess problema, iddikjara li ma kienx cert, izda ma kienx temp ta' granet. Iddikjara wkoll illi l-impjegat l-iehor tas-socjeta' Alfred Gera & Sons Limited, Paul Bilocca, wkoll sostna illi kien il-konvenut li kien issuggerixxa li jigi nkarigat l-attur sabiex jghamel ix-xogholijiet mehtiega, u dan peress illi l-konvenut kien jaf li l-attur kien 'gia ghamel xi xoghol fuq inkarigu ta' din il-kumpanija. Illi dwar it-trapass ta' zmien bejn meta rrizultat il-problema ta' perkolazzjoni ta' ilma ghat-tieni istanza ta' perkolazzjoni ta' ilma, iddikjara illi kienu ghaddew madwar xahar u nofs jew

xahrejn. Illi ghalkemm hu ma kienx qed jissorvelja x-xogholijiet li kienu qed jigu mwettqa mill-attur, madanakollu, mar sabiex jara l-andament tax-xoghol minn tal-inqas f'zewg okkazjonijiet. Illi dwar l-ilma li kien qed jiskula ghal gewwa l-mahzen fejn kien jahdem dan ix-xhud, iddikjara illi kien ilma nadif u mhux tad-drenagg. Illi ddikjara wkoll illi l-attur dam ghaddej b'dawn ix-xogholijiet ghal madwar gimgha, u kellu l-assistenza ta' lavrant.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob hlas minghand il-konvenut ta' xoghol ta' tiswija mwettaq minnu fuq inkarigu tal-istess konvenut f'kamra tat-toilet li jinsab fil-mahzen tal-konvenut. Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut ma hix daqstant dwar ix-xoghol li gie mwettaq mill-attur – in kwantu d-deskrizzjoni li nghatat mill-attur dwar ix-xoghol imwettaq minnu, ma gietx ikkontestata mill-konvenut, u din id-deskrizzjoni ta' xogholijiet hija riflessa fir-rapport imhejji mill-Perit Sarsero, li hejja tali stima fuq informazzjoni mghotija lilu mill-konvenut – izda dwar il-prezz mitlub mill-attur ghal dan ix-xoghol, kif ukoll dwar jekk ix-xogholijiet gewx imwettqa skond is-sengha u l-arti, tenut kont illi jidher illi l-problema ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-mahzen tal-konvenut reghhet irrizultat ftit taz-zmien wara li saru x-xogholijiet mill-attur, u li huma l-mertu ta' din l-azzjoni.

Illi dwar il-hlas li qed jigi mitlub mill-attur, it-Tribunal ghandu quddiemu zewg stejjem imhejjija minn zewg Periti, li ghalkemm jindikaw l-istess xogholijiet, jikkontrastaw bejniethom b'mod sinjifikanti f'dak li jirrigwarda l-valur mghoti lil dawn ix-xogholijiet, inkluz il-prezz tal-materjal li ntuza. Illi fid-dawl tal-fatt illi ma kien hemm ebda ftehim bejn il-partijiet dwar x'rati kienu ser jigu applikati mill-attur ghax-xoghol li kien ser jigi mwettaq minnu, wassal *in parte* ghal dan in-nuqqas ta' qbil bejniethom, u dan in kwantu l-attur qed jipprezza x-xoghol tieghu fil-kuntest tal-iskarigg li kien involut fit-twettiq tieghu, filwaqt illi l-konvenut jidhirlu illi tenut kont tad-daqs zghir tal-kamra fejn gie mwettaq ix-xoghol, il-prezz mitlub huwa gholi wisq.

Illi oltre dan, il-konvenut jikkontendi illi x-xoghol li gie mwettaq mill-konvenut ma sarx skond is-sengha u l-arti, tant illi l-problema ta' perkolazzjoni ta' ilma ma gietx rizolta, u ppersistiet, tant illi ftit taz-zmien wara, rega' rrizulta ingress ta' ilma ghal gewwa l-mahzen ta' Alfred Gera & Sons Limited. Illi mill-provi mressqa mill-partijiet ma jirrizultax b'mod car u inekwivoku jekk il-problema li rrizultat fit-tieni istanza kienitx effettivament mill-istess

post fejn kien gie mwettaq ix-xoghol mill-attur, ghalkemm Marvin Mangion iddikjara b’konvinzjoni illi l-hsara li rrizultatlu kienet fil-parti li tidher immarkata fuq ritratt numru wiehed (1) a fol. 38 tal-atti, u cioe’ mill-istess post fejn l-attur allegatament kien wettaq ix-xoghol ta’ tiswija. Illi fil-fehma tat-Tribunal huwa difficli illi jigi stabbilit b’certezza illi l-problema ta’ perkolazzjoni ta’ ilma li rrizultat it-tieni darba kienitx necessarjament mill-istess post fejn saret it-tiswija mill-attur l-ewwel darba. Madanakollu, bhala stat ta’ fatt irrizulta illi rega’ kien hemm perkolazzjoni ta’ ilma minn din l-istess kamra tat-toilet ftit tal-gimghat biss wara li ghamel ix-xogholijiet ta’ tiswija l-attur, u gialadarba jidher illi dan qala’ hafna mill-madum ta’ din il-kamra u allegatament wettaq xi *pressure tests* wara li bidel xi pipes, allura dan in-nuqqas jew difett fis-sistema tal-ilma kellu jirrizulta waqt li kien ghaddej bix-xoghol l-istess attur.

Illi t-Tribunal jinnota illi l-attur iddikjara illi s-sengha li hu jezercita hija ta’ tkhil u tibjid, u anke r-rapprezentanti tas-socjeta’ Alfred Gera & Sons Limited iddikjaraw illi huma kienu jinkarigaw is-servizzi tieghu ghal tikhil u tibjid. Illi z-zewg persuni li l-attur ressaq bhala xhieda tieghu li kienu qed jassistuh f’din il-bicca xoghol, ebda wiehed minnhom ma ddikjara li s-sengha tieghu hija dik ta’ *plumber*, izda ddikjaraw biss illi huma jwettqu dak li jigu ordnati li jghamlu mill-attur. Illi ghalhekk jidher illi l-attur kien qed iwettaq xoghol li ma kienx necessarjament kompetenti li jghamel, bil-konsegwenza illi x-xoghol li sar minnu ma kienx sodisfacenti, u kuntrarjament ghal dak li gie allegat minnu, ma rnexxilux jidentifika s-sors tal-problema u jeliminaha. Illi dan wassal sabiex il-problema ta’ ingress ta’ ilma reghhet irrizultat ftit taz-zmien wara, u jidher li giet rizolta b’mod definittiv meta ntervjena Marvin Mangion, inkarigat mill-konvenut.

Illi ghalhekk jidher illi x-xoghol li gie mwettaq mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti, in kwantu ma rrisolviex il-problema ta’ perkolazzjoni ta’ ilma, u lanqas ma kien dispost li jivverifika l-ilment tal-konvenut meta avzah illi l-problema ppersistiet. Illi t-Tribunal ghalhekk ser jghaddi sabiex jakkolji t-tieni eccezzjoni tal-konvenut f’dak li jirrigwarda t-talba ghall-hlas tal-attur ghall-*mano d’opera* sabiex wettaq ix-xoghol mertu ta’ din l-azzjoni, b’dan illi ser jillikwida ammont li ghandu jithallas mill-konvenut lill-attur ghall-materjal li ntuza fil-kamra in kwistjoni. Illi f’dan ir-rigward it-Tribunal ser jistrieh fuq il-valur mghoti mill-Perit Robert Sarsero – inkarigat mill-konvenut – fir-rapport imhejji minnu datat 17 ta’ Mejju 2013, u dan in kwantu l-valur ta’ dan il-materjal gie likwidat fl-ammont ta’ erba’ mija u ghaxar Euro (€ 410.00).

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, qed jilqa’ *in parte* t-talba tal-attur, u jordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u ghaxar Euro (€ 410.00) bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------